MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 32/2005

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, wara li ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Settembru 2002, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem Seraia li twieldet fl-24 ta' April 2004; li l-hajja konjugali kienet saret impossibbli ghall-attrici, bir-rizultat li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; li l-attrici gabet id-debita awtorizzazzjoni biex tipprocedi bil-kawza; talbet li din il-Qorti: [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort tal-konvenut; [2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attrici, bid-dritt ta' access supervizjonat favur il-konvenut; [3] tordna lill-konvenut jhallas retta alimentarja bhC manteniment ghaliha u ghat-tifla minuri; [4] tapplika

kontra l-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu; [5] tordna x-xoljiment, il-likwidazzjoni l-assenjazzjoni ta’ l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha huwa cahad dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu; accetta li l-kura u kustodja tal-minuri tkun konguntiva; sostna li hu ma jahdimx; u oppona ghat-talba dwar l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 fil-konfront tieghu, stante li ma hemmx bazi legali ghall-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 Kap.16 imputabbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghaz-zwieg.

Minn naha tieghu l-konvenut jichad dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu rigward il-htija ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Jirrizulta mhux kontraddett li l-attrici, cittadina Maltija, izzewget lill-konvenut, cittadin Sirjan, fis-16 ta’ Settembru 2002, meta allura hija kien ghad kellha circa 17-il sena, filwaqt li l-konvenut kellu circa 19-il sena. Huma zzewgu fi zmien qasir peress li l-konvenut kellu problema bil-visa.

Ill-matul il-konvivenza matrimonjali qasira bejn il-partijiet, il-konvenut kien isawwat lill-attrici ta’ spiss, anke fuq “affarijiet banali” [Fol.82]. Il-konvenut kien dominanti ma’ l-attrici, allura martu, u jekk din kienet tikkontrastah huwa

kien jerfa' idejh fuqha. Rizultat ta' dan, wara xi xhur miz-zwieg, hija kienet telqet mid-dar konjugali u rritornat fid-dar tal-genituri taghha; izda wara ftit, il-partijiet kienu regghu flimkien.

Illi nonostane l-weghdiet da parti tal-konvenut li fil-futur kien ser igib ruhu sewwa fil-konfront ta' martu, wara ftit taz-zmien huwa rega' kien vjolenti fuqha, ripetutament u abitwalment, bir-rizultat li l-konvivenza kienet saret insapportabbli ghall-attrici li konsengwentement telqet mid-dar konjugali bit-tifla u regghet marret tghix fid-dar tal-genituri taghha.

Illi l-attrici tghid li, nonostante li l-konvenut kien jahdem bhC plasterer u bajjad, huwa ma kienx jaghtiha flus, bir-rizultat li kien ikollha tirrikorri ghal ghand il-genituri taghha ghal ghajnuna finanzjarja. Tghid li l-flus li l-konvenut kien jaqla' kien jibghathom lill-familja tieghu fis-Sirja.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dan minhabba l-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, konsistenti f' 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat, li rrendew il-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghall-attrici. Ghalhekk il-htija tas-separazzjoni personali tirrisjedi unikament fuq il-konvenut.

**Kura u Kustodja**

Illi permezz ta' nota kongunta prezentata mill-partijiet fit-2 ta' Marzu 2009 li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern b' mod li tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A], il-partijiet kienu ftehim, inter alia, dwar il-kura u kustodja tat-tifla u l-access favur il-missier.

Illi din il-Qorti ezaminat dak pattwit bejn il-partijiet rigwardanti l-minuri, u hi tal-fehema li ma hemm xejn li jmur kontra l-interessi tal-minuri.

Ghaldaqstant tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Saraia li twieldet fl-24 ta' April 2004 tibqa' fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommha, l-attrici, filwaqt li l-missier, il-konvenut, ikollu access ghal bintu minuri kull nhar ta'

Erbgha mill-5.30 pm sat-8.30 pm, u kull nhar ta' Hadd mis-2.30 pm sal-5.30 pm "dejjem barra l-bini ta' l-Agenzija Appogg, u li l-access ikun that supervizzjoni ta' social worker, a spejjez ta' l-intimat."

**Manteniment**

*Mantenimet futur*

Illi konformament ma' dak pattwit bejn il-partijiet, il-konvenut ghandu rebus sic stantibus jhallas lill-attrici is-somma ta' €93.17 fix-xahar bhC manteniment ghat-tifla minuri, u sakemm din tibqa' minorenni; u li dan l-ammont jizdied kull sentejn skond l-indici ufficjali tal-gvern dwar l-gholi tal-hajja.

Jidher li l-attrici ma baqghetx tinsisti fuq il-hlas ta' manteniment ghaliha, u lanqas tressqu provi f' dan ir-rigward.

*Manteniment Arretrat*

Illi l-attrici ddikjarat fil-mori, liema dikjarazzjoni ma gietx kontraddetta mill-konvenut, li dan ilu ma jhallas il-manteniment provvizorju ta' €93.17 fix-xahar minn Frar 2009; u ghalhekk sad-data ta' din is-sentenza l-arretrat ta' manteniment dovut mill-konvenut ghal bintu minuri jammonta komplessivament ghas-somma ta' elf tlett mija seba' u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu [€1,397.55]; u tordna li l-konvenut jhallas din is-somma lill-attrici.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi huwa pacifiku li ma hemmx assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-partijiet jiddikjaraw li ma hemm ebda dejn.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b' tort esklussiv tal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja;

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-manteniment ghall-minuri, fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata

‘Manteniment’; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-kumplament, stante li ma ngiebux provi f’ dan ir-rigward;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba fit-termini taghha;
[5] tilqa’ il-hames talba limitatament billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-kumplament, stante li ma hemmx assi x’ jigu likwidati u assenjati;

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------